

# 'Casal Zorico'

## *Ħarsa lejn l-istorja soċjali taż-Żurrieq mir-Reġistri tal-Parroċċa*

'*Terra Zurrico'*[1] hu l-isem li Ġian Franġisk Abela jagħti lir-raħal taż-Żurrieq fil-Lbiċ ta' Malta. Qabel ir-raħal taż-Żurrieq kien magħmul minn għadd ta' rħula oħra fosthom dak li llum hu r-raħal taż-Żurrieq u "*casali Bubakra* (illum Bubaqra), *Leu* (magħruf bħala Ħal-Lew), *Krendi* (illum il-Qrendi), *Millieri* (Ħal-Millieri), *Manin* (Ħal-Manin) *e MiKabba* (illum l-Imqabba)'[2]. Barra minn hekk, Abela jgħid ukoll li rħula oħra żgħar kienu jiffurmaw ir-raħal taż-Żurrieq fosthom '*Bir Langiasa, EnKieret, Cenus tal Mansab, Casale Bubakra, Casale Safi, Contrada di S.Agata, El GhlieKi ta' S. Luca, Torre ta' Giauhar* (Gawhar), *Hal Giauhar È...ÉGhieKi ta' S.Paul.'*[3] Abela jkompli jgħid li dawn l-irħula kienu jġibu isimhom minn xi kappella jew torri tal-viċin. Abela jgħid ukoll li dawn l-irħula kienu ikoll taħt il-protezzjoni tal-militia taż-Żurrieq magħrufa bħala "*la capitania'*[4].

### Ir-reġistri fi ħdan il-Parroċċa taż-Żurrieq:

Matul iż-żminijiet dejjem inħass il-bżonn li t-tliet riti importanti fil-ħajja tal-bniedem: il-Magħmudija, iż-Żwieġ u l-Imwiet, jiġu mniżżla. Ir-reġistri taż-żminijiet mgħoddija fi ħdan il-parroċċi Maltin m'humiex aġġornati minħabba żewġ raġunijiet: l-Assedju l-Kbir tal-1565 li ħalla mpatt negattiv fuq il-kitba ta' dawn ir-reġistri u minħabba l-fatt li r-reġistrazzjoni tal-magħmudijiet ma kienx obbligatorju sal-aħħar tas-seklu.[5] L-awturi prinċipali ta' dawn ir-reġistri kienu "*Il Cappellano*" jew "*Il Vici Cappellano*"[6]. Dawn kienu jużaw taħlita ta' Latin u Taljan biex jiktbu dawn ir-reġistri.



***Parti mill-Liber Baptizatorum (Il-Ktieb tal-Magħmudijiet) fi ħdan il-Parroċċa taż-Żurrieq 1567-1607***

---

1 G.F, Abela, *Della Descrittione di Malta isola bel Mare Siciliano con le sue Antichita ed altre notitie Libr Quattro. Del Commendator Abela* Midsea Books, 1984, 102

2 Ibid., 102

3 Ibid., 103

4 Ibid., 102

5 Carmel Cassar, „*Society, Culture and Identity in Early Modern Malta* ( Malta Mireva, 2000) 127

6 Zurrieq Parish Archives 1591

## Il-Magħmudija:

Il-Magħmudija hu l-ewwel sagrament li nirċievu għax permezz tiegħu aħna nsiru parti mill-familja ta' Alla. F'Malta tas-seklu sittax, it-trabi kienu jiġu mgħammda jew dakinhar li jitwieldu jew l-għada. Ir-raġuni kienet li r-rata ta' mwiet fit-trabi kienet għolja mmens u allura "l-qassisin kien jgħammdu kemm jista'jkun trabi biex isalvaw l-erwieħ tagħhom.»[7] Barra minnhekk, "jekk it-tarbija tkun f'periklu imminenti li titlef ħajjitha, l-majjistra kellha tgħammed lit-tarbija sabiex hekk ma tmurx fil-Purgatorju.»[8] Hu interessanti li mhux it-trabi biss kienu jitgħammdu. Fi ħdan il-Parroċċa taż-Żurrieq hemm irrappurtati każijiet ta' skjavi li ġew mgħammda. Fosthom insibu każ ta' Francesco, ilsier iswed katekumenu ta' Simuni Spieteri mir-raħal Crendi (Qrendi), li fit-8 tax-xahar ta' Settembru 1581 ġie mgħammed. Il-parrinu kien Jerome Psaila mill-istess raħal.[9]



***L-ewwel paġna tal-ktieb Liber Baptizatorum 1567-1607 li jinsabu ġewwa l-Arkivji tal-Parroċċa taż-Żurrieq***

Element importanti fil-Magħmudija hu l-għażla tal-isem. Jekk nagħtu daqqa t'għajn lejn ir-reġistri, naraw li, bejn l-1567 u l-1607, l-aktar ismijiet popolari għat-trabi subien kienu:

Domenico (insibuh miktub 84 darba), Giovanni (f'forom differenti fosthom: Joanello, Joan, Joanni, Johan; insibuh miktub għal 64 darba), Mario (51 darba) u Pietro (45 darba)[10].

L-aktar ismijiet popolari għal dak iż-żmien għat-trabi bniet kien Catarina, b'verżjonijiet ta' Catharina u Catarinella. Dan l-isem ġie użat għal 114-il darba.[11] Xhieda ta' dan hu l-fatt li l-Parroċċa taż-Żurrieq kienet iddedikata lil Santa Katarina ta' Lixandra. Fost ismijiet popolari oħra nsibu:

*Domenica (użat 98 darba), Giovanna (b'verżjonijiet ta' Joanella, użat 89 darba), Margerita (b'varjetà ta' Garita u Margarita, użat 80 darba), Marietta (użat 60 darba) u Maria (użat 54 darba).*

7 Samantha Abela, *The Gozo Community between 1554-1628* (Unpublished B.A. Honours dissertation, Department of History, University of Malta 2010), 32

8 Frans Ciappara, *Society and the Inquisition in Early Modern Malta* (2000), 122

9 *die 8 mensis 7bris (Septembris 1581) ho battizato Francesco cathecumeno schiavo negro di Simuni Spieteri c. Crendi lo patrino Jeramo Pisaile de eodem casali : ZPA Liber Baptizatorum 1567-1607: 1576*

10 Gabriella Cauchi, A Parish and its People A Study of the Parish of Zurrieq 1567-1607 (Unpublished B.A. Honours dissertation, Department of Hisotry 2011), 43

11 Ibid., 38

*Ismijiet oħra li kienu użati b'mod regolari kienu Agata, Imperia, Gratia, Agnesa, Antonia (jew Antonella jew Antonina), Nella, Madalena (jew Maddalena), Vennera (jew Venera), Speranza, Angelica jew Angela, Clementia, Mattia, Valentia jew Valenzia, Paula jew Paulina, Francesca jew Frangisja, Isabella jew Sabella, Inziana jew Enziana, Victoria jew Vittoria, Arginta jew Argentia jew Argenta È...É* [12]

## Tfal barra miż-żwieġ:

Il-fenomenu tat-tfal li jitwieldu barra mis-sagrament taż-żwieġ kien jeżisti minn dejjem. Dawn kienu meqjusa bħala tfal illeġittimi. Fir-reġistri tal-Parroċċa taż-Żurrieq bejn l-1567 u l-1607 kien hemm b'kollox tnax-il każ. F'każ li tarbija titwieled barra miż-żwieġ, isem it-tarbija kien jiġi imniżżel mal-isem tal-omm. Eżempju ta' dan kien Maria, bint Ventura, mir-raħal tal-Qrendi, li ġiet mgħammda fit-22 ta' April 1600 minn Dun Nicola Bonnici. Il-parrinu tat-tarbija kien ċertu Mateo Saliba miż-Żurrieq[13]. Madanakollu, f'ċerti każijiet ġieli tniżżlu wkoll l- ismijiet tal-ġenituri. Eżempju ċar ta' dan hu meta fis-7 ta' Marzu 1577 ġiet mgħammda Jacobina, bint Agatha. Agatha tiġi bint Jacobo Camilleri mir-raħal taż-Żurrieq[14]. Aktarx li waħda mir-raġunijiet għala kienu jitniżżlu l-ismijiet tal-ġenituri kien biex juri li dawn l-ommijiet xebbiet kienu għadhom jgħixu mal-ġenituri tagħhom.[15]



*Mappa ta' Malta tal-1580*

Kurżita' kbira li kienet relatata ma' dan il-fenomenu kienet li x-xebbiet ommijiet kienu jintbagħtu bil-moħbi ta' kullħadd f'post fejn ħadd ma jkun jafhom. Eżempju ċar ta' dan kien il-każ ta' ċertu "*Signora Marrolla della Cita Nova*"[16]. Interessanti li tkunu tafu li "*Cita Nova*" kien l-isem tal-belt il-ġdida mibnija mill-Kavallieri, il-Belt Valletta. Din is-Signora Marrolla kellha iben bl-isem ta' Cristoforo u l-parrinu tiegħu kien *Il Sov Fra Cristoforo Simoiti Theodoro della Borga della Magna della Cita Nova.*[17] Madanakollu, l-eżempju tas-Signora Marrolla ma jistax jiġi ġġeneralizzat għall-każijiet kollha għax ma teżisti l-ebda referenza għal dak li kien jiġri mix-xebba omm u t-tarbija tagħha.[18]

Dan l-artiklu ġie miktub minn Gabriella Cauchi. Dan kien parti mill-istudju fil-kisba ta' Baċċellerat bl-Unuri fl-Istorja. L-istudju jġib l-isem ta' "*A Parish and its People, A study of the Parish of Żurrieq 1567-1607*" (2011).

---

12 Ibid., 38
13 Ibid., 35
14 Ibid., 35
15 Ibid, 35
16 Ibid., 35
17 Ibid., 35
18 Ibid., 36